MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 43/2003

**David Apap**

**vs**

**Mr. Martin Vella f'ismu proprju u ghan-nom ta' Subway Scuba Diving u Morina Aqua Sport Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Tghid ghaliex intom konvenuti m'ghandkomx tkunu kkunndannati thallsu s-somma ta' tlett mija u hames liri Maltin (Lm305.00) bilanc ta' servizzi resi bilanc ta' prezz ta' servizzi rezi lilek mill-mittenti matul ix-xahar ta' Ottubru elfejn u tnejn (2002), bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ittra ufficcjali ta' l-ewwel (1) t'April, elfejn u tlieta (2003) sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-ghoxrin (20) ta' Marzu, elfejn u tlieta (2003) u kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali spedita lilkom nhar l-ewwel (1) t'April, elfejn u tlieta (2003).

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa intom konvenuti diga intom ingunti."

Ra r-riferta posittiva imnejn jirrizulta li l-konvenuti gew debitament notifikati fil-25 t'April 2003 izda minkejja d-dekorrenza tat-terminu preskritt la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduti li nzammu mit-Tribunal wara d-dekorrenza tat-terminu moghti ghar-risposta u cioe' dawk ta' nhar il-Gimgha 6 ta' Gunju 2003 u dik tal-lum;

Sema' d-deposizzjoni guramentata tal-attur li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-attur u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' LM305 bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali ipprezentata fl-1 t'April 2003 sad-data tal-eventwali hlas effettiv, bl-ispejjez, inkluz id-dritt tal-avukat li assista lill-attur quddiem dan it-Tribunal u tal-ittra ufficcjali imsemmija a kariku tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------